**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa Numru 25

**24 ta' Mar 2026**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2026 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joeline Attard - Kunsilliera
Mario Gauci - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Malcolm Gatt - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 25 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **25.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Is-Sur Malcolm Gatt bagħat ittra ta' appoloġija sabiex jiġi skużat. |
| **25.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 25.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 24, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Mario Gauci u ġew issekondti mill-kunsilliera s-Sa Joline Attard. |
| **25.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 25.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti sabiex il-permessi tal-31 ta' Marzu, tad-Duluri, tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid jinżamm kollox bħas-sena l-oħra. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan, qablu wkoll li jinġabu mobile toilets għall-Ġimgħa l-Kbira u il-letrina tal-Ponta tinżamm magħluqa fil-Jum tar-Regatta u jiġu ordnati żewġ mobile toilets oħra għal-dik il-ġurnata. Ftehmu wkoll li l-letrina tax-xatt tinżamm miftuħa. |
| 25.03.02 | Is-sindku informa li kien hemm xi persuna li xtaqgħet tagħmel vending machine tal-ħelu fejn il-bieb ta-salesjani, wara diskussjoni il-kunsilliera qablu li jekk jaqblu is-salesjani ma jsibu l-ebda oġġezzjoni. |
| 25.03.03 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li għall Jum il-Ġimgħa L-Kbira jinġibed filmat sabiex dan il-filmat jgħaddi għand ir-Reġjun Port biex ikun parti mill-kultura għal-din is-sena peress li fir-Reġjun Port hemm seba' lokalitajiet li jkollhom il-purċissjoni tal-Ġimagħa l-Kbira. Is-Sindku ser jitlob lil UTV sabiex jagħti l-filmat lil Kunsill tal-Isla fejn inġibed il-filmat waqt il-purċissjoni tar-Redentur fejn ġie intervistat is-Sindku is-Sur Clive Pulis. |
| 25.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill qed japplika għal-meter tad-dawl għal-Pjazza George Mittrovich għaliex li hemm huwa tal-ilma. |
| 25.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fit-3 u fl-10 t' April mhux ser ikun hemm lezzjonijiet ta' l-għum għalhekk l-iskrivana ser tinforma lil membri li qegħdin abbonati ma din l-iskema. |
| 25.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Greco bagħtu survey sabiex timtela' u tiġi mgħadija lilhom sabiex jibgħatu l-ewwel pagament ta' 36,000 euro. Is-Sindku tkellem mas-Sur Antoine Zammit il-perit ta' studju |

| | |
|---|---|
| | urban sabiex issir studju fuq Traffic Management għal dan il-proġett ta' Greco. |
| 25.03.07 | Is-sindku informa li ser talaq l-applikazzjoni għall-Finanzjament – Attivitajiet Kulturali – Annwali – SPI/SCI/01/2026 fejn il-kunsill ser japplika sabiex jitnaddfu ix-xelters u jinfetħu parti minnhom għall-pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet mozzjoni sabiex il-kunsill ikun jista' japplika għal dawn il-fondi. Is-Sindku propona u l-viċi sindku issekonda, il-kunsilliera Mario Gauci u Joline Attard approvaw.<br><br>L-iskema tal-Clean Up issir ġimgħa qabel il-festa u l-iskema tal-Milied issir bħas-snin ta' qabel fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2026. Is-Sindku propona u l-viċi sindku issekonda dawn l-iskemi u l-kunsilliera Mario Gauci u Joline Attard approvaw. |
| 25.03.08 | Is-Sindku informa li l-kunsill ser japplika għall skema tar-Reġjun Port fejn jidħlu attivitajiet kulturali fejn is-sindku propona li issir il-Ħġejjeġ fl-Isla iżda issir fi pjazzez differenti li huma fuq il-Belveder fi Triq is-Sirena, iz-zuntier ta' San Filippu, Triq l-Arkati fejn hemm l-arzella, Pjazza Andrea Debono, Pjazza 4 ta' Settembru, Pjazza Beneditti XV quddiem il-knisja tal-Vitorja u fuq il-Forti San Mikiel u jkun hemm irkejjen ta' mużika matul it-turġien tal-Isla u pjazzez, dan il-festival ikun jikkomponi minn mużika diversi bħal għana, rap, pop eċċ.. Il-Kunsill jifthiem kemm mal-Każin tal-Banda kif ukoll mal-Knisja sabiex dak in nhar fis 27 ta' Ġunju 2026 jħallu l-knisja u s-sala tal-Każin tal-banda miftuħa biex iżuru l-postijiet ta' interess li għandna fl-Isla. Dawn il-fondi ser ikun mqassma hekk 20,000 ewro mir-Reġjun Port għaliex din is-sena ir-Reġjun Port huwa ir-Reġjun tal-kultura ta' Malta u 5000 ewro mir-Reġjun Port li jgħatti kull sena għall-attivita kuturali annwali. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 25.03.09 | Is-Sindku informa li l-kunsill applika għall-meters tad-dawl sabiex ikunu jistgħu jaħdmu l-bollards ta' l-iskema Smart Road Technologies. Din il-bollard li kien ġara aċċident ġiet mibdula u l-kunsill irrid iqabbad electical engineering minn naħa tal-kunsill sabiex jiċċertifika li x-xogħol huwa kif suppost. |
| 25.03.10 | Is-Sindku informa li fl-14 t' April ser issir il-laqgħa tal-kunsill tat-tfal fis-sala tal-kunsill. |
| 25.03.11 | Is-Sindku bagħat ir-rapport mill-Fondazzjoni Kottonera permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha. Kif ukoll is-Sa. Lianne Cassar tar-Reġjun bagħtet ukoll il-minuti tal-laqgħa li saret ġewwa Sardegna li dawn ser jintbgħatu permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha ukoll. |

| | |
|---|---|
| 25.03.12 | Is-Sindku informa li l-Kunsill applika għall-proġett ieħor ta l-Erasmus flimkien mar-Rumania mas-Sa. Camilla, kif joħorġu ir-riżultati ninfurmaw lil kunsilliera.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li l-applikazzjoni tal-EU Funds li l-kunsill applika mad-Dot. Ivana Legnama li kine jismgħu La Guardiola ma għaddiex għaliex ma kellu x biżżejjed punti. |
| 25.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li is-Sa. Joline Attard tkellmet ma rapreżentant mill-Macedonia Karposh sabiex inkomplu insaħħu il-kollaborazzjoni li l-kunsill tal-Isla għandu mal-Macedonia. |
| 25.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv kellmet lil kunsilliera preżenti li waqt laqgħa li kienet flimkien mas-Sur Raggio Vella segretarju tal-Birgu u s-Sindku tal-Birgu infurmawha li d-diskussjonijiet għall ġemelaġġ ma Miami għadhom għaddejjien. |
| 25.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien hemm talba ma Transport Malta għal kaxxa blu fi triq is-Sur iżda din ma ġietx aċċetata. |
| 25.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li bejn is-16 u l-20 t'April ser ikun hawn il-Power Boats fil-port il-kbir u ser ikunu ġewwa Boiler Wharf. |
| 25.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li Boiler Wharf ser ikun riservat għal-bandisti fil-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir. |
| 25.03.18 | Is-Sindku informa lil ħarġu l-applikazzjonijiet għall-Jum L-Isla sabiex jiġu nominati persuni jew għaqdiet li jixxirqilhom li jieħdu l-Ġieħ L-Isla. |
| 25.03.19 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li x-xogħol fil-Gardjola mixi iżda għadu mhux lest pero il-Gardjola ser tkun miftuħa għal-żmien ir-Regatta bil-miżuri meħtieġa mis-safety officer. |
| 25.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-fuljetti għal bidla tal-isem uffiċċjali minn L-Isla għall Senglea huma lesti u ser jibdew jitqassmu wara l-Għid u ser tiġi imħabbra fuq il-media soċjali wara li tinqasam il-figolla l-kbira tal-Għid. |
| 25.03.21 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera sabiex fid-daħla tal-Isla issir statwa ta' La Sengle bħal dik ta' La Vallett fil-belt Valletta. Huwa ipropona li din l-istatwa ta' La Sengle tiġi imħalsa mill- UIF funds u l-kunsill jara jistgħax japplika għal xi fondi oħra. |
| 25.03.22 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsilliera Joeline Attard attendiet għal laqgħa dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma sabiex jitħallsu fil-kunsill. Is-Sa. Joeline Attard informat lil kunsill li l-Arms ser jagħtu |

| | |
|---|---|
| | żewġ timbri għall-kull kunsill u l-klijenti jistgħu iħallsu kemm b'cash kif ukoll b'cheque pagabli lil Arms. Is-Sa. Joeline Attard spjegat li l-Arms ser jagħti 90c għal kull kont li jitħallas fil-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv saħqet li għandu jingħata taħriġ ta' kif ser titħadem is-sistema tal-Arms u jiġi spjegat kif ser jiġu depożitati dawn il-flus. Is-Sa. Attard spjegat li għandhom jiġu ħaddiema tal-Arms sabiex jispjegaw is-sistema. |
| 25.03.23 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li peress li l-attivita tal-isports flimkien mal-Community Policing ma sarietx fil-grawnd tal-ponta minħabba l-maltemp ser issir is-Sibt 2 ta' Mejju. Is-Sa Joeline Attard staqsiet għaliex mhux ser issir matul ix-xatt u s-sindku wieġeb li aħjar fil-grawnd għax aktar sikur u ma jkunx hemm għalfejn ineħħu l-karozzi mit-triq. |
| 25.03.24 | Is-sindku informa lil kunsilliera li huwa flimkien mas-segretarju is-Sa. Graziella Gellel kellhom laqgħa fil-kunsill tal-Birgu mas-Sindku John Boxall u s-Segretarju is-Sur Raggio Vella fejn iddiskutew proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropew. Iż-Żewġ Kunsilli , L-Isla u l-Birgu ser ikunu msieħba mal-NGO MIEMA fejn din l-applikazzjoni ser tkun dwar mużew taħt il-Baħar. |
| 25.03.25 | Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-kunsill japplika għal skema għal żona rikreattiva għall- qtates u l-klieb, is-sindku issuġġerixa li din ser tkun fuq is-sur fejn hemm fetħa żgħira qabel in-niżla ta' Boiler Wharf. |
| 25.03.26 | Is-sindku attenda għal laqgħa ma TM u Infrastructure Malta dwar Triq il-Ponta u Triq l-Arkati. W.S.C għadhom lura fuq Triq il-Ponta biex jibdlu il-katusi u sistema tal-ilma u tad-dranaġġ u għalhekk Infrastructure Malta ser jidħol għall dan il-proġett ta' Triq il-Ponta. Triq l-Arkati saru xi studju ukoll. |
| 25.03.27 | Is-Sindku iddiskuta li ser issir meter tad-dawl sabiex jitlesta il-proġett tal-MDIA għalhekk dan il-proġett mhux ser ikun lest għall-Easter għalekk għall Jum L-Għid ser jingħalaq ix-xatt bejn nofs in-nhar u s-sitta ta' filgħaxija bil-puluzija. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl sabiex l-MDIA jikkonfermaw li l-proġett għadu għaddej għaliex l-awdituri għandhom bżonn konferma dwar dan biex jagħlqu l-awditjar tal-kunsill tal-Isla. |
| 25.03.28 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li għall-żmien l-Għid ser jinxtraw boroż ta' crafts u xi ħelu mill- Kulleġġ San Nikola Wardija għall kull student li jattendi l-iskola primarja. Il-Kunsilliera qablu ma din l-attivita. |
| 25.03.29 | Il-viċi sindku ressaq proposta sabiex il-kunsill jikkolabora mal-każin tal-banda biex jinxtraw libreti ġodda għal-bandisti u jkollhom il-logo tal-kunsill u mhux kull darba jagħmlu ħafna photocopies. Dawn il-libreti jiswew 850 ewro. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimamnet iżda għal |

| | |
|---|---|
| | żmien il-festa imbgħad il-kunsill ma jkunx jista jikollabora f'attivitajiet oħra. |
| 25.03.30 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill illi ser jinħadem parti minn series Torka fuq il-Forti San Mikiel u ser jagħtu donazzjoni ta' 1500 ewro għall użu tal-Forti San Mikiel u s-sala. Tal-Filming talbu l-parking ta' quddiem il-Maċina iżda ilħaqna ftehim li jużaw il-parking ta' fejn il-kunsill fejn ix-xatba li hemm tal-Enemalta. B'din id-donazzjoni ser tintuża għal-filming tal-Ġimgħa L-Kbira. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament. |
| **24.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 24.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv sabiex it-tinda li hemm fi Triq San Lawrenz tinqala għaliex issa tmermret bix-xita u x-xemx.<br><br>Is-Sindku infurmah li din kienet qed tintuza mit-tfal żgħar biex jaqraw taħt din it-tinda. Iżda kif tispiċċa l-iskola tinqala u issir xi ħaġa oħra eżempju umbrellel sofor u ħomor. |
| **25.5** | **Rapporti** |
| 25.5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Frar 2026 u l-petty cash ta' Frar 2026 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |
| 25.5.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet rapport tal-awdituri fejn ġie iffinalżat minbarra li għad qed nistennew il-konfema tal-MDIA mil-bqija ma kienx hemm audit adjustments xi jsiru. Il-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia approva u l-kunsilliera s-sa Joeline Attard issedkondat. |
| **25.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 25.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 3/2026 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard. |

| 25.07 | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
|---|---|
| 25.07.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 28 t' April 2026 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 28 t' April 2026

IFFIRMATA_________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_____
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv